SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

13 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawża C-139/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjizi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Marzu 2010, fil-proċedura

Prism Investments BV

vs

Jaap Anne van der Meer, bħala kuratur tal-falliment ta' Arilco Holland BV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann, L. Bay Larsen, C. Toader (Relatur) u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Frar 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. A. van der Meer, bħala kuratur tal-falliment ta' Arilco Holland BV, minn J. A. M. A. Sluysmans, avukat,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. M. Wissels, B. Koopman u M. Noort, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u K. Petkovska, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Seeboruth, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wilderspin u R. Troosters, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Prism Investments BV (iktar 'il quddiem "Prism Investments"), kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż, u J. A. van der Meer, bħala kuratur tal-falliment ta' Arilco Holland BV (iktar 'il quddiem "Arilco Holland"), kumpannija sussidjarja Olandiża tal-kumpannija rregolata mid-dritt Belġjan Arilco Opportune NV (iktar 'il quddiem "Arilco Opportune"), rigward l-eżekuzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna l-ħlas ta' somma flus, adottata minn qorti Belġjana.

Il-kuntest ġuridiku

3 Is-sittax u s-sbatax-il premessa tar-Regolament Nru 44/2001 huma fformulati kif ġej:

"(16) Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni ta' ġustizzja fil-Komunità tiġġustifika illi sentenzi mogħtija fi Stat Membru jiġu awtomatikament rikonoxxuti mingħajr il-ħtieġa ta' xi proċedura ħlief f'każijiet ta' tilwim.

(17) Bis-saħħa ta' l-istess prinċipju ta' fiduċja reċiproka, il-proċedura sabiex tiġi eżegwita fi Stat Membru wieħed sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tkun effiċjenti u malajr. Għal dan il-għan, id-dikjarazzjoni li ġudizzju huwa eżegwibbli għandha ssir virtwalment awtomatikament wara verifiki puramenti formali tad-dokumenti pprovduti, mingħajr ma jkun hemm possibiltà li l-qorti li tqajjem b'mozzjoni tagħha uħud mir-raġunijiet għan-non eżekuzzjoni b'dan ir-Regolament."

4 Il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 44/2001, li jinkludi l-Artikoli 32 sa 56, jistabbilixxi r-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fl-Istati Membri l-oħra tad-deċiżjonijiet adottati fi Stat Membru.

5 L-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:

1) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija [ordni] pubblika ta' l-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;

2) meta jkun b'nuqqas ta' dehra, jekk il-konvenut ma kienx ġie servut bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sa kemm id-difensur ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jiddisputa s-sentenza meta kien possibli għalih jagħmel hekk;

3) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija fi kwistjoni bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;

4) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, basta illi dik is-sentenza aktar kmieni twettaq il-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat."

6 L-Artikolu 35 tar-regolament imsemmi jiddisponi:

"1. Aktar minn hekk, sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta jew tmur kontra s-Sezzjonijiet 3, 4 jew 6 ta' Kapitolu II, jew fil-każ li hemm disposizzjoni dwaru fl-Artikolu 72.

2. Fl-eżami tal-bażi tas-sentenza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, il-qorti jew l-awtorità għandha tkun marbuta bis-sejbiet dwar il-fatt li fuqhom il-qorti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.

3. Suġġett għal paragrafu 1, il-ġurisdizzjoni tal-qorti ta' l-Istat Membru ta' oriġini ma tistax tiġi reveduta. It-test ta' strateġija [ordni] pubblika msemmija f'punt 1 ta' l-Artikolu 34 ma' jistax jiġi applikat għal regoli li għandhom x'jaqsmu ma' ġurisdizzjoni."

7 Il-proċedura ta' eżekuzzjoni hija rregolata mit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 44/2001, li jinkludi l-Artikoli 38 sa 52.

8 Skont l-Artikolu 38(1) ta' dan ir-regolament:

"Sentenza mogħtija fi Stat Membru u eżegwita f'dak l-Istat għandha tiġi eżegwita fi Stat Membru ieħor meta, fuq applikazzjoni ta' parti nteressata, tkun ġiet dikjarata eżegwibbli hemmhekk."

9 L-Artikolu 40(3) tar-regolament imsemmi jipprovdi kif ġej:

"Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 53 għandhom ikunu mehmużin ma' l-applikazzjoni."

10 L-Artikolu 41 tal-istess regolament jiddisponi:

"Is-sentenza għandha tiġi ddikjarata eżegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 mingħajr xi reviżjoni permezz ta' l-Artikoli 34 u 35. Il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni m'għandiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tkun intitolata li tagħmel xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni."

11 L-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi:

"1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta'eżekuzzjoni tista' tkun appellata minn kull parti.

2. L-appell għandu jkun ippreżentat fil-qorti indikata fil-lista ta' l-Anness III.

3. L-appell għandu jkun ittrattat skond ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri f'materji kontradittorji.

4. Jekk il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni tonqos milli tidher quddiem il-qorti ta' l-appell fil-proċedimenti li jikkonċernaw appell imressaq mill-applikant, l-Artikolu 26(2) sa (4) għandu japplika anki meta l-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni ma jkunx domiċiljat f'xi wieħed mill-Istati Membri.

5. Appell kontra id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għandu jiġi ippreżentat fi żmien xahar mis-servizz tagħha. Jekk il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni jkun domiċiljat fi Stat Membru apparti minn dak li fih tkun ingħatat id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni, iż-żmien ta' l-appell għandu jkun ta' xahrejn u għandu jibda jgħodd mid-data tas-servizz, jew fuqu jew inkella fir-residenza tiegħu. L-ebda estenzjoni taż-żmien ma tista' tingħata minħabba distanza."

12 L-Artikolu 44 tar-regolament imsemmi jistabbilixxi dan li ġej:

"Il-ġudizzju mogħti fuq appell jista' jiġi kkontestat biss bl-appell imsemmi f'L-Anness IV."

13 L-Artikolu 45 ta' dan ir-regolament jiddisponi:

"1. Il-qorti fejn l-appell għandu jiġi ppreżentat permezz ta' l-Artikolu 43 jew l-Artikolu 44 għandu jiċħad jew jirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni biss fuq il-bażi speċifikati f'L-Artikoli 34 u 35. Din għandha tagħti d-deċiżjoni mingħajr dewmien.

2. Taħt l-ebda ċirkostanzi, ma tista' jiġi reveduta s-sentenza barranija fuq is-sustanza tagħha."

14 It-Taqsima 3 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 44/2001, li tinkludi l-Artikoli 53 sa 56, tipprovdi d-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni.

15 L-Artikolu 53 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Parti li tfittex r-Rikonoxximent jew li tapplika għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għandha tipproduċi kopja tas-sentenza li jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha.

2. Parti li tapplika għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għandha wkoll tipproduċi ċ-ċertifikat msemmija fl-Artikolu 54, bla ħsara għal l-Artikolu 55."

16 L-Artikolu 54 tar-regolament imsemmi jipprovdi:

"Il-qorti jew l-awtorità kompetenti ta' Stat Memnru fejn kienet ingħatat is-sentenza għandha toħroġ, fuq it-talba ta' xi parti interessata, ċertifikat li juża l-formola normali f'L-Anness V ta' dan ir-Regolament."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Matul l-1990, il-bank Finlandiż LSP sellef lil Arilco Opportune is-somma ta' EUR 11 500 000. Arilco Opportune selfet dan l-ammont lill-kumpannija sussidjarja Olandiża tagħha Arilco Holland. Sussegwentement, din ittrasferiet dawn il-fondi lil diversi kumpanniji rregolati mid-dritt Olandiż, fosthom Prism Investments. Din irċeviet is-somma ta' EUR 1 048 232,30.

18 B'deċiżjoni tal-14 ta' Jannar 2002 tal-qorti tal-kummerċ ta' Brussell (il-Belġju), Arilco Opportune ġiet ikkundannata tħallas lil LSP l-ammont misluf fl-1990. Arilco Opportune ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tal-appell ta' Brussell. F'din il-proċedura ta' appell, Arilco Holland ippreżentat appell inċidentali, intiż b'mod partikolari sabiex Prism Investments tiġi ordnata tħallasha lura s-somma ta' EUR 1 048 232,30. B'sentenza tal-5 ta' Diċembru 2006, il-qorti tal-appell ta' Brussell, b'mod partikolari, laqgħet din it-talba.

19 B'deċiżjoni tar-Rechtbank's-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) tal-1 ta' Awwissu 2007, Arilco Holland ġiet iddikjarata bħala falluta u J. A. van der Meer ġie nnominat bħala kuratur tagħha.

20 Fit-3 ta' Settembru 2007, din talbet lill-imħallef għal miżuri provviżorji tar-Rechtbank's-Hertogenbosch sabiex jiddikjara, abbażi tal-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 44/2001, l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti tal-appell ta' Brussell tal-5 ta' Diċembru 2006, f'dak li jirrigwarda l-ordni lil Prism Investments sabiex tħallas is-somma ta' EUR 1 048 232,30. Din it-talba ġiet milqugħa permezz tad-Digriet tal-20 ta' Settembru 2007.

21 Għalhekk, Prism Investments ippreżentat quddiem ir-rechtbank 's-Hertogenbosch, rikors għall-annullament ta' dan l-ordni ta' eżekuzzjoni abbażi tal-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 44/2001. B'mod partikolari, din sostniet li d-deċiżjoni tal-qorti Belġjana kienet diġà ġiet eżegwita fil-Belġju permezz ta' kumpens.

22 B'digriet tat-22 ta' Lulju 2008, ir-rechtbank 's-Hertogenbosch ċaħdet ir-rikors ta' Prism Investments, billi b'mod partikolari qieset li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 44/2001, dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tista' tiġi rrevokata biss għal-waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 ta' dan ir-regolament. Din irrilevat li l-eżekuzzjoni tal-obbligi inkwistjoni ma tifformax parti minn dawn ir-raġunijiet u għalhekk tista' tittieħed inkunsiderazzjoni mhux fil-kuntest tal-proċedura ta' appell kontra d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva, iżda biss fl-istadju ulterjuri tal-eżekuzzjoni nnifisha.

23 Prism Investments appellat fil-kassazzjoni kontra dan id-digriet quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden. Insostenn tal-appell tagħha, hija sostniet li l-fatt li l-eżekuzzjoni ġiet awtorizzata kien imur manifestament kontra l-ordni pubbliku skont l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 44/2001 flimkien mal-Artikolu 34(1) tiegħu, peress li l-ordni inkwistjoni kienet tilfet l-effetti tagħha minħabba l-eżekuzzjoni tagħha fil-Belġju, u peress li l-eżekuzzjoni tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi ma tistax tkun legalment fondata.

24 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-Hoge Raad der Nederlanden tqis li dawn l-argumenti huma infondati. Din tikkunsidra li l-motiv ta' difiża li jgħid li d-deċiżjoni adottata fi Stat Membru diġà ġiet eżegwita ma jiffurmax parti mill-motivi tar-rifjut stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-regolament imsemmi, b'mod partikolari minn dak ibbażat fuq il-ksur tal-ordni pubblika.

25 Madankollu, din il-qorti tistaqsi ruħha dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qorti li quddiemha tressaq l-appell abbażi tal-Artikoli 43 jew 44 ta' dan ir-regolament tista' tirrifjuta jew tirrevoka l-eżekuzzjoni għal raġunijiet differenti minn dawk stabbiliti fl-imsemmija Artikoli 34 u 35. B'mod partikolari, din tistaqsi jekk motiv ibbażat fuq l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru tal-oriġini tad-deċiżjoni ġudizzjarja jistax mhux biss jiġi invokat fil-kuntest ta' kawża fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħha, iżda anki fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 44/2001 jipprekludi lil qorti adita b'rikors previst fl-Artikolu 43 u 44 ta' dan ir-regolament milli tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva minħabba motiv li huwa differenti minn dawk previsti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament, li huwa invokat kontra l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ddikjarata eżekuttiva u li ġie invokat wara li din id-deċiżjoni ngħatat, bħall-motiv li din id-deċiżjoni diġà giet eżegwita?".

Fuq id-domanda preliminari

27 Sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari, għandu preliminarjament jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mis-sittax u mis-sbatax-il premessa tar-Regolament Nru 44/2001, is-sistema ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni stabbilita minnu hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Tali fiduċja teħtieġ li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fi Stat Membru jkunu mhux biss rikonoxxuti b'mod sħiħ fi Stat Membru ieħor, iżda wkoll li l-proċedura intiża sabiex tirrendi lil dawn id-deċiżjonijiet eżegwibbli f'dan l-aħħar Stat Membru tkun effettiva u rapida.

28 Tali proċedura, skont il-kliem tas-sbatax-il premessa tar-regolament imsemmi, għandha tinvolvi biss sempliċi kontroll formali tad-dokumenti meħtieġa għall-attribuzzjoni tas-saħħa eżekutorja fl-Istat Membru fejn issir it-talba.

29 Għal dan il-għan, b'mod konformi mal-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 44/2001, il-parti li titlob il-ħruġ ta' dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' deċiżjoni għandha tippreżenta kopja tagħha li tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji għall-awtenticità tagħha kif ukoll ċertifikat tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-oriġini. Abbażi tal-Artikolu 40(3) ta' dan ir-regolament, din għandha tehmeż dawn id-dokumenti mat-talba tagħha.

30 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 41 tar-regolament imsemmi, l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn issir it-talba għandhom, fl-ewwel stadju tal-proċedura, jillimitaw ruħhom għall-kontroll tat-twettiq ta' dawn il-formalitajiet għall-finijiet tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' din id-deċiżjoni. Konsegwentement, f'din il-proċedura, huma ma jistgħu jwettqu ebda eżami tal-elementi ta' fatt u ta' liġi tal-kawża deċiża bid-deċiżjoni li tintalab l-eżekuzzjoni tagħha.

31 In-natura ristretta ta' dan il-kontroll hija ġġustifikata mill-iskop tal-proċedura msemmija li jikkonsisti mhux f'li tinbeda proċedura ġdida, iżda pjuttost f'li jiġi kkonsentit, abbażi ta' fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja tal-Istati Membri, li d-deċiżjoni maħruġa minn qorti ta' Stat Membru differenti mill-Istat Membru li fih saret it-talba tiġi eżegwita f'dan tal-aħħar permezz tar-reġistrazzjoni tagħha fis-sistema legali tiegħu. B'hekk, din il-proċedura tippermetti lil deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru differenti minn dak li fih saret it-talba li toħloq f'dan tal-aħħar l-effetti li jappartjenu lil titolu nazzjonali li għandu natura eżekutorja.

32 B'mod konformi mal-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 44/2001, id-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru li fih saret it-talba tista' tkun is-suġġett ta' kontestazzjoni. Ir-raġunijiet ta' kontestazzjoni li jistgħu jiġu invokati huma espressament stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament Nru 44/2001, li jirreferi għalihom l-Artikolu 45 tal-istess regolament.

33 Din il-lista li l-elementi tagħha għandhom, skont ġurisprudenza stabbilita, jiġu interpretati b'mod restrittiv (ara s-sentenza tat-28 ta' April 2009, Apostolides, C-420/07, Ġabra p. I-3571, punt 55) hija eżawrjenti.

34 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-raġuni għar-revoka tad-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja invokata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u li tirrigwarda l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini, jiġifieri fil-Belġju, ma tinsabx fost dawk li fuqhom il-qorti tal-Istat Membru li fih saret it-talba, f'dan il-każ ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, tista' twettaq l-istħarriġ tagħha. F'dan ir-rigward, il-fatt li din ir-raġuni ma ġietx invokata quddiem il-qorti Belġjana huwa irrilevanti.

35 Barra minn hekk, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-argument invokat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni huwa bbażat fuq l-allegat ħlas tad-dejn permezz ta' kumpens. Issa, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, J. A. van der Meer, bħala kuratur tal-falliment ta'Arilco Holland, jikkontesta dan il-kumpens b'mod dettaljat. Għalhekk, ir-risposta għall-kwistjoni jekk il-kundizzjonijiet tal-kumpens imsemmi humiex sodisfatti ma tkun la sempliċi, la rapida u tista' tkun teħtieġ proċedura twila ta' kjarifika tal-fatti relattivi għad-dejn li biha dan il-kumpens jista' jkun sar, u hija għalhekk diffiċilment kompatibbli mal-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 44/2001.

36 Il-Gvern tar-Renju Unit jirrileva li, f'kull każ, biex tiżgura l-għanijiet tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, id-deċiżjoni inkwistjoni għandha tkun eżekutorja mhux biss fil-mument meta tingħata d-deċiżjoni inizjali, iżda anki fil-mument meta tiġi adottata d-deċiżjoni ta' attribuzzjoni tas-saħħa eżekutorja fl-Istat Membru li fih issir it-talba. Ikun kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 44/2001 u l-kliem tal-Artikolu 38 tiegħu jekk il-qorti ta' dan l-Istat tkun obbligata li tadotta dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja,

filwaqt li d-deċiżjoni kkonċernata tkun ġiet eżegwita fl-Istat Membru tal-oriġini u ma tistax iktar tiġi eżegwita hemmhekk.

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 ma tippermetti li tiġi rrifjutata jew revokata deċiżjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' deċiżjoni li diġà ġiet eżegwita, għaliex tali ċirkustanza ma ċċaħħadx lil din id-deċiżjoni min-natura tagħha bħala titolu eżekuttiv, li tikkostitwixxi kwalità intrinsika ta' dan l-att legali.

38 Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' natura eżekutorja tad-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini tipprekludi l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru li fih saret it-talba. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura eżekutorja tad-deċiżjoni kkonċernata fl-Istat Membru tal-oriġini tikkostitwixxi kundizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni fl-Istat Membru li fih saret it-talba (ara s-sentenza tad-29 ta' April 1999, Coursier, C-267/97, Ġabra p. I-2543, punt 23). F'dan ir-rigward, għalkemm ir-rikonoxximent għandu jkollu l-effett, bħala prinċipju, li jagħti lid-deċiżjonijiet l-awtorità u l-effettività li dawn igawdu minnhom fl-Istat Membru fejn ġew adottati (ara s-sentenza tal-4 ta' Frar 1988, Hoffmann, 145/86, Ġabra p. 645, punti 10 u 11), madankollu, ma teżisti l-ebda raġuni għalfejn sentenza tingħata, meta tiġi eżegwita, drittijiet li ma japplikawx għaliha fl-Istat Membru tal-oriġini, jew effetti li deċiżjoni tal-istess tip mogħtija direttament fl-Istat Membru li fih saret it-talba ma toħloqx (ara s-sentenza Apostolides, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66).

39 Madankollu, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 18 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja bl-ebda mod ma tneħħi minn din in-natura eżekutorja tagħha u lanqas ma twassal sabiex jiġu rrikonoxxuti lilha, fl-eżekuzzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor, effetti legali li hija ma għandhiex fl-Istat Membru tal-oriġini. Ir-rikonoxximent tal-effetti ta' tali deċiżjoni fl-Istat Membru li fih saret it-talba, li jikkostitwixxi s-suġġett stess tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, jikkonċerna l-karatteristiċi intrinsiċi tad-deċiżjoni kkontestata, billi jsir distakk tal-elementi ta' fatt u ta' liġi li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minnha.

40 Min-naħa l-oħra, tali raġuni tista' titressaq għall-evalwazzjoni tal-qorti tal-eżekuzzjoni tal-Istat Membru li fih saret it-talba. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, ladarba din id-deċiżjoni tiġi integrata fis-sistema legali tal-Istat Membru li fih saret it-talba, ir-regoli nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni ta' dan l-aħħar Stat japplikaw bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet adottati mill-qrati nazzjonali (ara s-sentenzi tat-2 ta' Lulju 1985, Deutsche Genossenschaftsbank, 148/84, Ġabra p. 1981, punt 18; tat-3 ta' Ottubru 1985, Capelloni u Aquilini, 119/84, Ġabra p. 3147, punt 16, kif ukoll Hoffmann, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

41 Il-Gvern Ġermaniż isostni li r-raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura għandhom iwasslu sabiex jitqies li l-konċentrazzjoni tal-motivi ta' difiża bbażati fuq l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata fl-istadju tal-proċedura tal-appell kontra l-eżekuzzjoni, tippermetti li tiġi evitata l-fażi supplimentari tal-proċedura ta' eżekuzzjoni fl-Istat Membru li fih saret it-talba. Kieku jsir mod ieħor, din id-deċiżjoni tkun ċertament iddikjarata eżekutorja wara eżami formali, iżda l-eżekuzzjoni forzata tagħha jkollha sussegwentement tiġi interrotta. Din il-konċentrazzjoni tal-motivi ta' difiża biss fil-fażi tal-appell kontra d-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni żżid l-effettività ta' din il-proċedura u tevita milli tiġi imposta fuq id-debitur sitwazzjoni fejn id-deċiżjoni li tikkundannah għall-ħlas tad-dejn tiegħu tiġi ddikjarata eżekutorja filwaqt li din ma tkunx tista' tiġi eżegwita.

42 Madankollu, hekk kif ġie enfasizzat fil-punti 27 sa 30 ta' din is-sentenza, sa fejn il-proċedura ta' eżekuzzjoni tikkonsisti f'kontroll formali tad-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti, motiv invokat insostenn ta' appell imressaq skont l-Artikoli 43 jew 44 tar-Regolament Nru 44/2001, bħal dak ibbażat fuq l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata fl-Istat Membru tal-oriġini, ibiddel il-karatteristiċi ta' din il-proċedura u jtawwal it-termini ta' żmien tagħha, b'mod kuntrarju għall-għan ta' effettività u ta' rapidità mħabbar fis-sbatax-il premessa ta' dan ir-regolament.

43 Minn dak li ntqal jirriżulta li r-risposta għad-domanda li saret għandha tkun li l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti li quddiemha tressaq appell skont l-Artikoli 43 jew 44 ta' dan

ir-regolament tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' deċiżjoni għal raġuni differenti minn dawk indikati fl-Artikoli 34 u 35 tiegħu, bħall-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini.

Fuq l-ispejjeż

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti li quddiemha tressaq appell skont l-Artikoli 43 jew 44 ta' dan ir-regolament tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekutorja ta' deċiżjoni għal raġuni differenti minn dawk indikati fl-Artikoli 34 u 35 tiegħu, bħall-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini.

Firem